MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 122/2012

**Malcolm Wood**
**(Passaport Ingliz 461791815)**

**Vs**

**Terry Embelton (ID 42059A)**
**Kerry Louise Embleton (ID 42058A)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' April 2012 fejn l-attur talab lill-Qorti sabiex:-

1. Ixxolji l-ftehim ta' bejgh illi sar mir-rikorrent ma' l-intimati ghall-bejgh tal-vettura Peugeot 307 bin-numru ta' Registrazzjoni Ingliza "GL 03 OWE", minhabba illi ma gewx osservati l-formalitajiet mehtiega ghall-bejgh u kif ukoll ghax l-intimati ma wettqux dak li kienu obbligati li

jaghmlu skond l-istess ftehim u ghalhekk ghandhom jigu kkundannati jikkonsenjaw lill-istess attur ic-cwievet u l-pussess ta' l-imsemmija vettura Peugeot 307 numru "GL 03 OWE"; jew;

2. F'kaz illi l-ewwel talba ma tigix milqugha, tikkundannahom ihallsu s-somma ta' tlett t'elef, tlett mija u disgha u tletin Liri Sterlini, u tnejn u hamsin centezmu (£3,339.52), ekwivalenti ghall erba' t'elef, u wiehed u ghoxrin Euro, u sitta u sebghin centezmu (€4,021.76) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz pattwit ta' l-istess vettura Peugeot 307 numru ta' registrazzjoni "GL 03 OWE".

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru 867/12, u bl-imghax mid-19 ta' Ottubru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lil Terry Embelton fit-3 ta' Lulju 2012 gewwa ic-Centru Korrettiv ta' Kordin u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Purtier Reno Spiteri datati 5 ta' Lulju 2012 (fol 5 tergo).

Rat illi fis-seduta tat 12 ta' Lulju 2012, l-intimati deheru l-Qorti u ikkontestaw il-kawza u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Novembru 2012 sabiex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u ghall-provi rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 deheret l-intimata Kerry Louise Embelton illi infurmat lill-Qorti li ma kellhiex flus ghas-servizz ta' Avukat, u ghalhekk il-Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jappuntalha Avukat ta' l-Ghajnuna Legali.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012 u tat-18 ta' Jannar 2013, l-intimati baqghu ma dehru qatt.

Rat illi fl-istess seduta tat-18 ta' Jannar 2013, ir-rikorrent ipprezenta l-provi tieghu u ddikjara li ma fadallux aktar provi u talab li, in vista tal-kontumaci, l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi, fid-19 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent biegh il-vettura tieghu Peugeot 307 Numru Ingliza GL 03 OWE lill-intimati u l-intimati kienu obbligaw ruhhom illi jhallsuh il-prezz ta' tlett t'elef u sitt mitt Lira Sterlina Ingliza (Stg 3,600) permezz ta' pagamenti rateali ta' hames mitt Lira Sterlina (Stg 500) fix-xahar.

Illi jirrizulta illi l-unika pagament illi attwalment sar kien ta' mija u sittin Lira Sterlina u tmienja u erbghin centezmu (Stg 160.48), u dana fit 2 ta' Dicembru 2011.

Illi sussegwentement, ir-rikorrent sar jaf li l-intimat Terry Embelton kien jinsab il-habs, u meta kkuntattja lill Kerry Louise Embelton, dina sabtitlu t-telephone f'wiccu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tat lill-intimati hafna zmien sabiex, kemm jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom, kif ukoll sabiex ikollhom l-Avukat tal-Ghajnuna Legali, izda, qatt ma ghamlu xejn minn dan u, sahansitra, ma dehrux ghall-ahhar zewg seduti, b'mod illi jirrizulta li huma kontumaci u ghalhekk ma ghandhom ebda provi x'jipprezentaw.

Illi l-Qorti ma tarax ghaliex ma ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija mir-rikorrenti u ma tarax ghaliex ma ghandhiex tilqa' l-ewwel talba ta' l-istess rikorrenti, peress illi jidher car li l-istess rikorrenti gie mgharraq mill-intimati u ghalhekk il-bejgh ghandu jigi rexiss.

**Konkluzjoni**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lir-rikorrenti jixhed u wara illi rat il-kontumacja ta' l-intimati, tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u ghalhekk**

**Tiddikjara l-ftehim ta' bejgh illi sar bejn ir-rikorrent u l-intimati ghall-bejgh tal-vettura Peugeot 307 bin numru ta' Registrazzjoni Ingliza "GL 03 OWE" bhala xolt u**

**Tikkundanna lill-intimati sabiex jikkonsenjaw lir-rikorrent, minnufih, ic-cwievet u l-pussess tal-vettura Peugoet 307 bin-numru ta' registrazzjoni Ingliza "GL 03 OWE"**

**Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru 867/2012 kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------